MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 210/2004

Kawza fil-lista: 47

**A B**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Billi l-kontendenti zzewwgu fis-sebgha (7) ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u markat bhala Dokument A, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

U billi l-kontendenti huma legalment separati minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Abela datat 5 ta' Ottubru 2000.

U billi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

U billi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat ukoll peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

U billi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19(1)(c) u/jew (d) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Tghid il-konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett kif hawn fuq spjegat.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet illi l-esponenti taqbel illi z-zwieg kien vizzjat kemm minhabba b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll minhabba li z-zwieg inkiser bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-7 ta’ Settembru 1998 huwa null u bla effett fil-ligi in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafi [d] u [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta’ Settembru 1998 wara gherusija twila. Minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal, ghax il-partijiet fir-relazzjonijiet intimi taghhom kienu jeskludew materjalment din il-possibilita’. Wara konvivenza ta’ ftit xhur il-partijiet isseparaw legalment u konsenswalment fil-5 ta’ Ottubru 2000.

Illi rigward l-ewwel kawzali, l-attur isostni li l-kunsens tal-kontendenti kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu. Jirrizulta ukoll, mid-dikjarazzjoni tal-konvenuta li dina wkoll qabblet li l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat b’ dan il-*caput nullitatis*.

In propositu gie osservat fil-kawza *App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: “Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b’ mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta’ kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet damu jghixu flimkien ghal ftit aktar minn sena zmien, qabel ma eventwalment isseparaw. Jirizulta wkoll, manifest li l-kunsens taghhom kien vizzjat minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-Artikolu precitat. Il-partijiet ma kienux fehmu l-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali li huma bazati fuq il-kuncett ta’ unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta’ hajja u l-prokreazzjoni u t-

trobbija ta' l-ulied, kif ukoll ghal benessere reciproku. Jigi osservat li l-kapacita' ghall-assunzjoni ta' dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. [*PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003*].

Din il-mankanza fiz-zewg partijiet tinsab riflessa fil-litigar kontinwu ta' bejniethom kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg; inoltre tinsab riflessa wkoll anke fil-fatt li nonostante l-konvivenza ta' bejniethom, dawna qatt ma fformaw l-intenzjoni li jkollhom tfal miz-zwieg; anzi fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom kienu materjalment jeskludu din il-possibilita'.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-Artikolu 19 [1] tal-Kap.255, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn iz-zewg partijiet fis-7 ta' Settembru 1998; l-ispejjez jigu sopportati bejn iz-zewg partijiet ugwalment.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------